MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 556/2000/1

**Engineering Services Limited u b'digriet ta' l-14 ta' Frar, 2001, zdiedu l-kliem E.L.V. qabel il-kliem Engineering Services Limited**

**vs**

**Reuters Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Gunju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Mejju, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm755.10 bilanc lilhom dovut ghal xogholijiet maghmula, li

jikkonsistu f'installazzjoni ta' apparat ta' telekomunikazzjoni u ta' sigurta li sar fi proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u kif ukoll bhala prezz ta' l-istess apparat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie personalment ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fid-dritt u fil-fatt peress illi l-apparat li gie nstallat kien insufficjenti u ma kienx komplet;

Illi l-kumpanija attrici giet mitluba tigbor l-apparat taghha peress illi dan qatt ma hadem, izda dan m'ghamlitux;

Illi l-kumpanija konvenuta qeghda tecepixxi l-*exceptio non adempliti contractus*;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ahhar paragrafu ta' l-eccezzjonijiet taghha, s-socjeta' konvenuta qeda teccpixxi l-*exceptio non adempliti contractus*. Din hija difiza illi hija accettabbli fil-kaz mhux biss meta jkun hemm 'inadempienza assoluta', imma anki dik parzjali jew f'kaz ta' difett. Dana kkonfermatu s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Carmelo sive Charles Mallia vs Ivan John Fonk tal-24 ta' Jannar, 1975, meta fost affarijiet ohra qalet, "Bhala regola, l-konvenut ghandu dritt jopponi ghat-talba ta' l-*exceptio rite adempliti contractus* meta ma jkunx hemm inadempjement assolut u totali, imma jkun hemm

adempjent parzjali jew difettuz. L-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti".

Il-kwistjonijiet illi qamu f'din il-kawza huma principalment jekk l-apparat illi ssuppliet is-socjeta' attrici kienx skond il-ftehim jew le, kienx difettuz u jekk dawn id-difetti kienux sostanzjali jew le (ara John Bonnici Pro Et Noe vs Anthony Sammut, Appell 22 ta' Gunju, 1994).

Irrizulta mill-provi illi fi Frar, 1999, Raymond Grech, illi kien *sub contractor* imqabbad mis-socjeta' konvenuta kien avvicina lis-socjeta' attrici sabiex din tissupplixxi sistema ta' PABX ghall-ufficini godda tas-socjeta' konvenuta. Fost ir-rekwiziti illi talbet, is-socjeta' konvenuta nsistiet ghal hames *telephones* tat tip *executive* u hames *telephones* tat-tip normali, oltre *features* bazici illi wiehed kien jistenna minn sistema ta' PABX.

Anthony Buttigieg ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed illi dawn l-i*specifications* gew milqugha u is-sistema kienet funzjonanti. Jikkonferma illi xahar wara illi x-xoghol gie nstallat kellu rikjesta sabiex jinvestiga xi hsara li s-sistema kienet zviluppat. Din il-hsara giet identifikata fit-*transformer* li gie mibdul u s-sistema kompliet tahdem regolarment.

Sussegwentement ghal habta ta' Mejju, 1999, saret laqgha bejnu bejn ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll is-*sub contractor* Raymond Grech. F'din il-laqgha, Anthony Buttigieg jghid illi gie mitlub jaghmel *up-grade* tas-sistema, haga li originarjament ma kienx rikjest.

Is-Sur Buttigieg jghid illi ma kienx fi grad illi jaghmel dik l-*up-grade* qabel ma' jiehu l-pariri minghand is-*suppliers* tieghu. Peress illi kellu jsiefer biex jattendi ghal xi fiera qal illi kien ser jaghmel xi verifiki meta jkun qieghed hemmhekk biex ikun jista' jwiegeb ghat-talba tas-socjeta' konvenuta. Fil-frattemp is-socjeta' konvenuta kellha tibghat l-i*specifications* il-godda illi kienet tirrikjedi. Zgur

pero' li dan l-*up-grade* kien jirrikjedi l-bdil ta' l-*eprom*, haga illi ma kienx possibbli li jsir b'dak l-apparat.

Ikkonferma li ma kienx f'pozizzjoni illi jissuplixxi t-*telephones* kollha illi kienu originarjament mitluba u ghalhekk bhala mizura temporanja ssupplixxa biss tliet *telephones* sakemm jaslulu l-bqija tat-*telephone sets* mill-esteru.

Sussewgewntement fit-12 ta' April, 2000, huwa rcieva ittra minghand is-socjeta' konvenuta fejn qaltlu biex is-sistema jirtirha peress illi qatt ma hadmet sodifacentement u kienu ser jinstallaw sistema gdida (Fol. 22).

Min-naha l-ohra, Donald Caligari ghan-nom tas-socjeta' konventa (Fol. 50) jghid illi huwa kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex tforni sistema ta' PABX.  Din is-sistema kellha jkollha ghaxar *telephone sets.*  Minn dawn l-ghaxra gew suppliti tlett *executive telephone sets* u hames *telephone sets* normali.  Qal illi mill-bidu bdew bl-inkwiet peress illi din is-sistema ma kelliex *call pick-up* u l-anqas *call transfer* u ghalhekk ma kienx possibbli li tkun taf liema *telephone set* kien qieghed funzjonanti peress illi kollha kemm huma kienu jdoqqu fl-istess hin.

Jikkonferma illi kienet saret laqgha mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex dawn il-mankanzi fis-sistema jigu ndirizza biex b'hekk l-ufficcju tas-socjeta' konvenuta jkun jista' jahdem kif suppost.  Dawn in-nuqqasijiet pero' qatt ma gew irrangati sakemm fl-ahhar is-socjeta' konvenuta ma kelliex triq ohra hlief li tiddepozita l-apparat il-Qorti kif ghamlet bic-cedola tal-31 ta' Jannar, 2002, u tikkontesta t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas.

Donald Caligari huwa konfortat fix-xhieda tieghu minn Edward Portelli (Fol. 44) illi huwa l-*engineer* imqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex jissorvelja x-xoghol u l-installazzjoni tas-sistema.  Edward Portelli jghid illi n-numru ta' *telephone sets* li gew ikkonsenjati kien inqas minn dak li gie mitlub u xi gimgha wara mar is-*supply unit,* li skond Anthony Buttigieg kien dovut ghal xi *overload*. Dan is-*supply unit* affettwa d-*digital telephones* dawk

maghrufa bhala *executive*, biex b'hekk l-ufficcju baqa' jiffunzjona biss fuq it-*telephones* normali, fejn allura ma kienx hemm bzonn dik is-sofistikazzjoni kollha tal-PABX.

Edward Portelli jikkontesta l-allegazzjoni ta' Anthony Buttigieg meta jghid li s-*supply* inharaq minhabba *overload*. Is-Sur Portelli jghid illi f'sistema ta' *telephones* ma hemmx *overload* x'jigi mghobbi fuq l-istess sistema. It-*telephone* huwa dak li huwa, ma tista' taghmel l-ebda zieda fuq l-apparat u ghalhekk ma setax jifhem fejn kien dan l-*overload*.

Xhud importanti f'din il-kawza ma hemmx dubbju, illi huwa Raymond Grech (Fol. 31). Dan huwa s-*sub contractor* imqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex irawwem l-ufficcju taghhom b'dak kollu necessarju sabiex jaqdi l-funzjoni tieghu. Fost ir-rekwiziti kien hemm din is-sistema ta' PABX. Jikkonferma illi huwa kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex tforni din is-sistema.

Raymond Grech jghid illi kif giet installata mall-ewwel bdew *teething troubles*. Dawna tkaxkru sakemm fl-ahhar giet imsejjha laqgha sabiex jigu diskussi l-problemi. Jiftakar illi kien hemm disgwid f'din il-laqgha dwar x'ezatt kellu jigi supplit. U jikkonferma illi kien gie mitlub xi tibdil jew *specifications* godda. It-talba kienet ghall-*pick-up facility* jew *call transfers*. Jaf illi gew suppliti *telephone sets* anqas minn dak rikjest.

Huwa pprova jwassal lill-partijiet ghall-ftehim u anki wasal biex irrinunzja ghall-kummissjoni dovuta lilu. Il-partijiet baqghu pero' ma waslux ghall-ftehim, peress illi s-socjeta' konvenuta baqghet tinsisti illi s-sistema ma kinitx qed tahdem kif suppost. Mentri s-socjeta' attrici ma kinitx f'pozizzjoni li tlahhaq mat-talbiet li kienet qed taghmel is-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Jibda' biex jinghad illi huwa stabbilit fil-gurisprudenza taghna li kuntrattur li jaccetta kuntratt ghal xoghol ghandu jiggarantixxi illi x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti (ara

Raymond Galea vs Raymond Gatt P. A. 25 ta' Marzu, 1994).

Quindi, s-socjeta' attrici kellha tiggarantixxi illi l-apparat kellu jifunzjona skond ir-rekwiziti illi gew lilha mitluba. Hemm kontroversja bejn il-partijiet x'inhuma dawn ir-rekwiziti. Zgur illi gew rikjesti hames *executive telephones sets* u hames *telephone sets* normali. Minn dawn gew suppliti tlett *executive telephone sets* li wiehed minnhom kien bil-hsara. Xi ftit taz-zmien wara l-installazzjoni tas-sistema nharaq *transformer*.

Is-socjeta' konvenuta tghid illi hija kienet kontinwament tilmenta mas-socjeta' attrici dwar in-nuqqasijiet illi kienu qeghdin jizviluppaw fis-sistema, sakemm fl-ahhar b'sens ta' esasperazzjoni ddecidew li ma jkomplux aktar bis-sistema u jgibu wahda minn ditta ohra.

Veru li s-socjeta' konvenuta baqghet tuza s-sistema ghal sena shiha, pero' ma kinitx qed tigi uzata skond l-i*specifications* li kienu originarjament miftehma. Is-sistema ta' PABX hija wahda sofistikata u maghmula ghal certa konvenjenza sabiex il-komunikazzjonijiet f'xoghol internazzjonali jkunu jistghu jsiru b'heffa u b'efficjenza.

Evidentement fis-sistema kif installata, din il-facilita' ma setghetx issir, tant hu hekk li s-socjeta' konvenuta ghamlet hafna zmien tiddependi minn *telephone sets* normali ghal funzjonament ta' l-ufficcju.

Id-direttur tas-socjeta' attrici jipprova jiggustifika l-operat tieghu meta jghid illi gie mitlub ghal *specifications* godda li kien jinvolvi l-bdil tal-*eprom*, haga illi huwa qatt ma ghamel.

Il-Qorti tirrileva pero', illi anki fl-ewwel stadju ta' l-installazzjoni ta' l-apparat, qabel ma' saret tali rikjesta jekk verament saret ghax hemm anke kontroversja dwar dan, is-sistema ma kinitx qed tahdem tajjeb u il-Qorti ma tistax tifhem kif *transformer* jista' jinharaq daqshekk malajr ftit wara illi gie nstallat is-servizz, meta saru l-ezamijiet teknici kollha u nstab illi ma kien hemm xejn hazin fil-*wiring* u fis-

*supporting systems* l-ohra li kien hemm installat fl-ufficcju. Ghalhekk tibqa' biss il-probabbilita' illi tali hsara setghet kienet biss dovuta ghal sistema centrali ta' l-apparat.

Il-kontroversja li nqalghet bejn il-partijiet setghet kienet dovuta ghall-fatt illi x-xoghol sar tramite ntermedjarju peress illi l-kuntatti diretti bejn iz-zewg socjetajiet saru biss meta nqala' l-imkwiet ghal habta ta' Mejju, 1999, fejn saret laqgha bl-intervent ta' Raymond Grech. Il-fatt biss illi dan ta' l-ahhar hass il-bzonn illi jsejjah din il-laqgha turi illi t-*teething troubles* illi kienu qed jaffettwaw is-sistema kienu ferm aktar serji milli ddeskriva, peress illi dawn id-difetti ma setghux jigu ndirizzati b'semplici telefonata u kienet necessarja li ssir laqgha sabiex il-partijiet jiddiskutu direttament bejnithom il-problemi li nqalghu. Filwaqt li din il-mossa kienet wahda korretta, l-Qorti pero' jidhrilha li missa saret ferm qabel, almenu ftit wara li gie nstallat l-apparat fejn immanifestaw ruhhom id-difetti l-ewwel darba.

Jibqa' l-fatt, li minkejja l-interventi kollha li saru, s-sistema qatt ma ffunzjonat a sodisfazzjon tal-klijent u cioe' tas-socjeta' konvenuta li min-naha taghha zammet il-pagament dovut lis-socjeta' attrici u kif gia nghad iddepozitat l-apparat taht l-awtorita' tal-Qorti.

F'sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar, 1995, fil-kawza fl-ismijiet <u>Lino Borg vs Anthony Buttigieg De Piro Et</u> il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li l-appaltatur m'hu intitolat ghall-ebda kumpens sakemm ma jottemprax ruhu mal-ftehim ta' l-appalt, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha u skond il-ftehim. F'dik il-kawza l-Qorti affermat ukoll illi l-appaltatur ma kienx intitolat l-anqas ghal parti mill-prezz ghax ix-xoghol li ghamel u dan kemm ghar-raguni illi l-konvenuti ma kienux obbligati jhallsu xejn qabel ma' jigi esegwit l-appalt skond il-ftehim kif ukoll ghaliex kien gie ppruvat li l-ebda parti mill-appalt ma sar skond l-arti u is-sengha.

Ma hemmx dubbju li l-Qorti f'din il-kawza qeda taghmel referenza ghall-Artikolu 1640 (3) li gie spjegat fid-dettal fil-kawza fl-ismijiet <u>Mark Spiteri Noe vs David Conway</u> Prim

Awla, 6 ta’ Marzu, 1998, fejn il-Qorti kienet affermat li klijent mhux obbligat illi jhallas ghal xoghol difettuz.

F’din il-kawza rrizulta mill-provi illi ghad illi kien hemm xi partijiet minn dan l-appalt illi kienu qed jiffunzjonaw, pero’ fl-assjem tieghu s-sistema kienet difettuza u fuq kollox ma kinitx qeda taqdi l-funzjoni illi ghaliha kienet intiza. Il-ftehim kien li s-socjeta’ attrici kellha tipprovdi sistema ta’ PABX skond l-i*specifications* illi gew moghtija lilha.

Minkejja l-kontroversja ta’ x’kienu dawn l-i*specifications* is-sistema ma kinitx qed tiffunzjona fl-elementi bazici taghha u ghalhekk xi haga hazina kien hemm u ghal dan huwa responsabbli l-kuntrattur illi ma lahaqx il-grad ta’ garanzija illi huwa tenut jaghti meta jaccetta x-xoghol.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tawtorizza lis-socjeta’ attrici sabiex tirtira l-apparat li gie depozitat bic-cedola tal-31 ta’ Jannar, 2002, tichad it-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.”

Minn din id-decizjoni appellat is-socjeta` attrici bl-aggravji illi l-eccezzjoni ta’ l-inadempjenza sollevata mis-socjeta` konvenuta appellata kellha jkollha riferenza ghall-ftehim kontrattwali originali u mhux ukoll dak addizzjonali. F’kull kaz tissottometti l-istess socjeta` attrici appellanti, is-socjeta` appellata ma gabet l-ebda prova teknika ghajr dik ta’ l-impjegat taghha u li fuqha strahet l-ewwel Qorti biex waslet ghal konkluzjoni taghha. Tissokta tillanja illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-fatt illi s-socjeta` appellata operat b’sistema li hi qiesitha difettuza ghal sena shiha.

Fil-kaz prezenti ghat-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas bilancjli ghal xoghlijiet ta’ installazzjoni tas-sistema tal-PABX fl-ufficini l-godda tas-socjeta` konvenuta, din tal-ahhar iddefendiet ruhha bl-eccezzjoni centrali tan-‘non adempliti contractus’. Eccezzjoni din intiza biex tipparalizza d-domanda tas-socjeta` attrici appellanti ghall-hlas reklamat.

Issa tajjeb li jigi rilevat illi fis-sistema tal-ligi taghna, tnehhi forsi l-Artikoli 1391 u 1392 tal-Kodici Civili relattivi ghall-istitut li jittratta "Fuq il-Bejgh", ma nsibu l-ebda disposizzjoni specifika u 'ad hoc' koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempiment, bhal ma ghal kuntrarju nsibu fil-Kodici Civili Taljan, ex-Artikolu 1460. Ciononostante hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendenteent mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu" – "**Carmelo Cremona –vs- Victor Angilieri**", Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Ottubru 1966. L-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parte ta' dak haddiehor li mieghu kkuntrattat. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza taghna.

Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali tat-12 ta' Marzu 1965 fil-kawza fl-ismijiet "**Emmanuele Aquilina –vs- Salvatore Aqilina et**". Fiha jinghad illi "din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni".

F'dawn id-decizjonijiet appena riferiti jinghad li r-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma li (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-fehim; (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenzi tal-partijiet, cioe li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghal prestazzjoni li hu jesigi minn ghand il-konvenut, ikun ta' certa gravita`.

B'dawn l-elementi in mira jidher li l-ewwel Qorti ivvalutat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u sabet li dawn jirrikorru fil-kaz prezenti. Il-konkluzjonijiet taghha kienu bazati fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(i) Is-socjeta` attrici naqset li tissupplixxi dak kollu li kien fl-obbligu taghha li tissupplixxi. Dan partikolarment fir-rigward tal-executive telephone sets. Din kienet l-ewwel fost sensiela ta' inadempjenzi.
(ii) Irrizulta illi mill-bidunett wara l-installazzjoni s-sistema kienet malfunzjonanti u wkoll mhux konformi mal-ispecifications. Skond Donald Caligari (fol 50), Operations Manager tas-socjeta` konvenuta, dan kien ghamilha cara illi jekk l-ispecifications ma jigux milhuqa is-sistema kienet bla siwi ghas-socjeta` tieghu.
(iii) Mix-xiehda ta' Raymond Grech (fol 31) Main Contractor tas-socjeta` konvenuta, irrizulta li kien hemm varji "teething problems" li baqghu jitkaxkru bla soluzzjoni. Dawn kienu jirrigwardaw il-'pick up' jew il-'call transfer' li ntalbu specifikatament u ma setghux jigu utilizzati fis-sistema. Dan apparti hsarat fis-'supply unit' tant li kellu jigi rimpjazzat it-transformer, u nuqqas ta' upgrading. Fuq kollox, hemm l-affermazzjoni tal-imsemmi Donald Caligari illi Anthony Buttigieg, rapprezentant tas-socjeta` attrici, kien iddikjaralu illi s-sistema nstallata kienet 'out dated'.

Fil-kumpless taghhom dawn il-mankanzi ma jistghux fil-fehma anke ta' din il-Qorti jitqisu trivjali, u l-inadempjenza, s-serjeta` u d-durata taghhom, ma jistghux jigu injorati sempliciment ghaliex fil-fehma ta' l-appellanti ma ngiebet l-ebda prova teknika. Kif ritenut fid-dottrina u l-gurisprudenza taljana, "l'eccezione d'inadempimento e` generalmente ritenuta opponibile non solo nel caso di inadempimento, bensi` anche nel caso di inesatto adempimento, piu` precisamente qualificata come "non rite adempleti contractus"." (**Persico** "L'eccezzione d'inadempimento")

Issa filwaqt li fil-kaz tas-semplici inadempiment "il fondamento dell'eccezzione non deve essere provato dall'eccepiente convenuto; sara` invece l'attore che dovra` dare la prova di avere gia adempiuto o di essere pronto

ad adempiere (**C 98/5306**) – ghalkemm f'sens kuntrarju irid jinghad ukoll illi tezisti gurisprudenza li ssostni li "spetterebbe all'eccipiente dare la prova dell'inadempimento dell'attore" (**C 81/6670**) – fil-kaz tal-eccezzjoni "non rite adempleti contractus" hemm konkordanza illi "graverebbe sull'eccipiente l'onere di dimostrare tale inesattezza (**C 00/1457**; **C 96/9825**).

Applikat dan it-taghlim ghal kaz taghna, anke minghajr il-prova teknika, li del resto ma kienetx hekk impellenti li ssir, is-socjeta` konvenuta irnexxielha tiddizimpenja l-oneru, kemm jekk si trattava ta' inadempjenza generika kemm jekk si tratta minn inadempjenza kwalifikata, kif fuq manifest, illi s-socjeta` attrici ma adempietx doverosament il-prestazzjonijiet kontrattati minnha. Din l-inadempjenza ma kenitx wahda marginali in kwantu, kif dimostrat, kienet teffettwa l-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez mill-attur ("**Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975). B'konsegwenza meta tirrizulta l-ezistenza ta' certa gravita` fl-inadempjenza, l-konvenut, kif ritenut, ghandu d-dritt ikollu jopponi l'"exceptio non rite adempleti contractus" ("**Francis Spiteri nomine –vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975; "**Norman Spiteri et nomine vs Avukat Giuseppe Borg Olivier de Puget nomine**", Appell Kummercjali, 15 ta' Novembru 1989).

Is-socjeta` appellanti ssottomettiet ukoll b'argument illi b'referenza ghall-kontrattazzjoni originali ma kien hemm l-ebda inadempjenza. Issa apparti li f'dan ma hijiex ghal kollox korretta billi rrizulta wkoll illi naqset li tissuplixxi dak kollu li kienet tenuta tforni, apparti wkoll inadempjenzi fl-installazzjoni innifisha, t-talba koinvolgenti t-tibdil ta' l-eprom tas-software tidher li giet minnu accettata tant li siefer appozitament biex jikseb din il-'feature'. F'dan il-kuntest il-Qorti ex novo tirrikorri ghal gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fejn tirritjeni illi "l'eccezione e` stata ritenuta opponibile anche nel caso di inadempimento di obbligazioni accessorie, quando questi abbiano un'importanza rilevante nell'economia dell'affare" (**C 99/2474**).

Is-socjeta` appellanti, imbaghad, taghmel accenn ukoll ghall-fatt illi nonostante l-allegati difetti s-sistema installata giet accettata u hadmet sena shiha. (Ara deposizzjoni ta' Anthony Buttigieg, fol 14). Dippju s-socjeta` appellata ghaddiet biss ghad-depozitu ta' l-apparat permezz ta' Cedola ntavolata fil-31 ta' Jannar 2002 (kopja esebita a fol 70).

Ghal dan l-argoment twiegeb tajjeb is-sentenza citata tal-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran (**Vol L pII p323**) b'dawn il-kliem: "Dan l-argoment ma jistax iregi u d-depozitu lanqas ma kien essenzjali, ghax il-konvenut mill-ewwel wera lid-ditta attrici bl-ilment tieghu". Zied jinghad f'dak il-kaz illi "l-fatt li l-konvenut sa certu zmien baqa' jhallas ir-rati ma kellux jittiehed bhala akkwiexxenza (App. Kumm. "**Debono vs Debattista**", 17 ta' Dicembru 1965)".

Dan kollu premess u analizzat il-Qorti tikkonkorda mal-veduta ta' l-ewwel Qorti illi konsiderat l-appalt fl-assjem tieghu s-sistema installata kienet difettuza u fuq kollox li ma kienetx addattata ghall-funzjonalita` intiza. Tajjeb gie ritenut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi sewwa skond id-dettami tas-sengha l-opera kummissjonata (**Vol XXVII pI p374**) b'mod li jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol (**Vol XL pI p485**). F'dan il-kaz dan kollu hu mankanti tant li d-difetti ma jistghux ma jitqiesux ta' certa rilevanza. Ghamlet sewwa ghalhekk l-ewwel Qorti li akkoljiet l-eccezzjoni ta' l-inadempjenza, "hekk bazata fuq il-principji generali tad-Dritt u fuq l-ekwita`" (**Vol XXIX pI p1295**). Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda raguni valevoli biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni fis-sentenza appellata raggunta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell interpost mis-socjeta` attrici u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------